Min-naħa l-oħra, li kien għalih il-piena kapitali għadha ma tneħħietx. Meta tressqet għall-votazzjoni fil-kamra tal-Kunsill kien l-uniku membru fost l-għaxra tal-poplu — li vvota kontra. Kien jemmen sħiħ fid-deterrent.

Karmenu f'ħajtu ma kellux kwiet. Kien jaħseb u jaħdem għall-familja b'dedikazzjoni u skruplu. Daqstant ieħor kien jaħdem u jirsisti f'għaqdiet u istituzzjonijiet ċivili u soċjali, fosthom l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum l-Akkademja tal-Malti. Din kienet il-mimmi ta' għajnejh. Kellu ħafna għal qalbu wkoll il-ġmiel u l-wirt ta' raħal twelidu — is-Siġġiewi. L-imseħbin tal-każin tal-Banda San Nikola, l-Għaqda Kulturali Siġġiewi u s-Siġġiewi Football Club, huma fost dawk li jixhdu dan. Għal dawn l-aħħar snin imsammar ma' soddtu b'marda iebsa, baqa' sa l-aħħar waqt ta' ħajtu jikteb, jiddiskuti u jittelefona ma' dan u l-ieħor dwar dak kollu li jolqot il-ħajja. Jitkellem fuq l-ikreh u s-sabiħ tagħha, fuq il-ħtieġa tat-twemmin f'Alla, id-devozzjoni lejn il-Madonna u xi jkun għaddej minn fuq art twelidu u l-Ilsien Malti.

Aktarx li sa issa l-ġisem mortali ta' Karmenu Vassallo diġà tmermer. Iżda ismu u ħidmietu żgur li jibqgħu l-isbaħ u l-ogħna wirt ta' fejda u ta' xempju qaddis għall-Maltin ta' llum u tal-ġejjieni. Nittama li ma jdumx ma jasal iż-żmien li raħal twelidu u art twelidu juru r-rikonoxxenza pubblika tagħhom b'tifkira u mafkar xierqa ta' din il-ħidma fejjieda u bla heda tal-poeta Karmenu Vassallo.

**Karmenu Ellul Galea**

## Rev. Alfred Michael Previ, B.A.(Hons.), A.I.L.(Lond.)

IL-MEMBRI TA' l-Akkademja tal-Malti u għalliema tal-Malti nħasdu meta nhar id-29 ta' April, 1987, tħabbret il-mewt ta' Patri Alfred, membru tal-Kunsill ta' l-Akkademja. Hu kien magħruf bħala bniedem kwiet li jħobb il-poeżija u l-grammatika ta' l-ilsien Malti.

Ir-Rev. Previ twieled l-Isla fl-4 ta' Novembru, 1934, u għamel l-istudji tiegħu fil-Liċeo, il-Kulleġġ Dumnikan ta' San Tumas u l-Università ta' Malta, minn fejn kiseb il-grad ta' B.A.(Hons.) fil-Malti. Ma jistax jonqos li bniedem li minn ċkunitu ħabb il-letteratura u t-tagħlim tal-lingwa, li wasal biex qabad il-karriera ta' għalliem. Beda jgħallem il-Malti fis-St. Theresa Grammar School, l-Imdina, u kompla fis-St. Joseph Secondary Technical School, Raħal il-Ġdid, u l-Junior Lyceum tal-Blata l-Bajda.

L-interess attiv tiegħu għall-iżvilupp tal-Malti jaf il-bidu tiegħu fi tfulitu: meta kien għadu tifel issieħeb fix-Xirka tal-Malti għat-Tfal, imwaqqfa minn Bro. Amedy Charles u beda jaqra poeżiji fuq ir-Rediffusion. Waqt il-kors fil-filosofija u teoloġija, kien għal xi żmien editur tar-rivista ``*Facula Domenicana*`` ta' l-istudenti Dumnikani. Ta s-sehem tiegħu wkoll fil-Għaqda Kittieba Żgħażagħ (1961) u l-Għaqda tal-Malti (Università). Fuq kollox ħadem fl-Akkademja tal-Malti bħala membru tal-Kunsill u għal xi żmien ukoll bħala editur ta' *Il-Malti*.

Hu jibqa' magħruf għall-istudju li għamel dwar Ninu Cremona. *Il-Ħidma Letterarja ta' Ninu Cremona* (KKM, 1973) hu studju bijografiku awtoritattiv dwar dan il-grammatiku Malti. Rev. Previ ta kontribut ukoll b'kitbiet ta' xejra reliġjuża u soċjali kif ukoll ta' poeżiji u radjudrammi. Ir-radjudramm 'Il-Għaqda kontra l-Faqar' kien kiseb l-ewwel premju f'konkors imniedi mir-Rediffusion fil-1963 waqt li l-aktar poeżija tiegħu li ġiet imfaħħra kienet ``Kont nagħżel l-Imħabba''. Poeżiji tiegħu dehru f'bosta antoloġiji iżda għadhom ma ġewx miġbura.

Naħseb li Rev. Previ kien iħobb l-aktar il-poeżija u l-mużika, għax ta' min igħid li kien japprezza ħafna l-mużika klassika u kien awtorità fuq il-ħajja ta' bosta kantanti operistiċi, fosthom Beniamino Gigli. Imma jekk fil-mużika kien isib is-serħan, il-konsolazzjoni kien isibha fil-poeżija li kien jikteb biex fiha jesprimi dak li jħoss u jemmen u jsib il-faraġ.

**Charles Galea Scannura**





**Patri Alfred M. Previ**